# Taħt it-tinda

Sandra Hili Vassallo

Qatt ma konna eżattament koppja li nagħmlu x-xirja flimkien, jien u Johnny. Koppja minn dawk li jfesfsu f'widnejn xulxin id-differenza fil-prezzijiet jew li jixtarru s-sigrieti ta' qalbhom jew imqar jaqsmu klejmiet ħelwin li jdubu malli tgħidhom bħaċ-ċikkulatini tal-lariġ. Imma issa konna wasalna f'punt esaġerat.

Nitkellmu biss b'kodiċi ta' loġistika u biċ-ċifri tal-kontijiet qisna l-Ministeri tat-Trasport u tal-Finanzi flimkien. Nippjanaw il-ġranet qisna surġenti fl-armata, bil-ħinijiet u l-baġit. Rutina riġida ta' xogħol, impenji u twassil tat-tfal. Ħajjitna, li kienet tidher għaddejja fuq ir-rubini, kienet għata silġ verġni fuq il-ħama ta' taħt, għamad insulat fejn is-sħana ma toħroġx imma lanqas ma tidħol. Minn ġewwa jien kont l-Etna u l-Vessuvju, u l-vulkani kollha tal-Paċifiku. Xi darba kont ser niżbroffa. Bil-kbir. Fix-xitwa ma stajniex noħorġu waħedna għax wieħed jew waħda mit-tfal dejjem b'xi ħaġa. Fis-sajf ma stajniex insiefru jew noħorġu waħedna għax wieħed jew waħda mill-qraba u l-ħbieb dejjem għandhom xi festa, tieġ jew funeral. U sejrin hekk.

Darba minnhom jiġi f'idejja l-magazin ta' supermarket. Is-soltu jispiċċaw taħt il-basal fir-rekk tal-ħaxix jew għar-riċiklaġġ. Did-darba għedt "ħa noqgħod narah, ħa." Għamilt belgħa kafè u qgħadt inqalleb. Indunajt li barra l-offerti tas-soltu fejn jagħtuk pakkett ilma ma' kull xirja u xirja ma' kull pakkett ilma, u l-prodotti tal-Mexican Week, kellu wkoll, fil-paġni tan-nofs, dak kollu li wieħed jeħtieġ għall-kamping. Kollox. Mill-iċken sett ta' canteens sa sleeping bags sa

naturalment kampijiet. Kampijiet iraqqdu tnejn u kampijiet iraqqdu erbgħa, inċirati u torċijiet. Il-biċċa art li fuqha tarma l-kamp kien jonqos ikun hemm għall-bejgħ, u forsi għad jagħmluha wkoll.

Qgħadt naħseb ftit. Min jaf kieku kellna mmorru kamping? Immorru waħedna u mhux bit-tfal li jkunu jridu jġibu t-tfal ta' ħaddieħor magħna. Nagħtih sorpriża lil Johnny, bħal meta żmien ilu konna nikkampjaw wara xi treking. Jien u hu biss, xi ħaġa li nħobbu t-tnejn u li ddum aktar minn siegħa. Forsi nsalvaw żwieġ. Permezz ta' kamp. Min jaf?

Ilbist malajr u lebbitt 'il barra. Sibt l-eqreb fergħa tas-supermarket. Dħalt u mort sparata lejn il-muntanja ta' oġġetti fin-nofs. Għal darba dawn l-oġġetti kienu ser jaqdu għan nobbli li lanqas huma stess ma jafu kemm. L-ewwel li għamilt qallibt u fittixt kamp ta' bi tnejn. Sibt kampijiet għal erba' persuni u għal sitta u għal tmienja (tmienja!?). Donnu ma baqax kampijiet ta' bi tnejn. Fl-aħħar sibt wieħed u ħtaftu. Imma kif ġejt biex indur u mmur infittex is-sleeping bags, inħoss il-kaxxa tinġibed minn idejja.

"Sinjura dan tiegħi ta? Jien kont ser nieħdu."

***

Rajthom iġebbdu f'kaxxa tal-kampijiet. Kont għaddej bil-karretta tal-fliexken tal-inbid u kelli ċ-ċans ninnutahom, għax il-karretta tqila man. Raġel u mara jġebbdu fil-kaxxa qishom tfal żgħar ħadd minnhom ma jrid iċedi.

"Sinjuri, jekk tridu, l-ħanut tagħna tal-Mellieħa għandu aktar kampijiet."

Ħarsu lejja qisni waqajt mill-qamar. Donnhom kienu aktar interessati li jibqgħu jħarsu lejn xulxin ... Jien bqajt sejjer. Dmiri għamiltu. U komplejt inġorr u nħott u nistiva l-fliexken tal-inbid fuq l-ixkafef.

***

Lanqas naf x'qalli dak il-ġuvni li kien għaddej bil-fliexken taż-żejt. Jien u dan ir-raġel, li ma nafux minn Adam, iddeċidejna li hu jixtri l-kamp mill-Mellieħa għax joqgħod qrib. Hu jħobb il-kamping u qed jipprova jħajjar lill-mara, li ma tridx taf. Trid il-kmamar tal-banju tal-irħam u l-bufè biex tiffanga. Trid il-kumdità

u n-nies madwarha. Hu jrid il-kwiet u l-avventura u l-beraħ. Bla ma naf kif, sibtni qed nagħti n-numru tal-mowbajl lil dan ir-raġel, li ma nafux minn Adam.

Qalli, "ara ħudu inti, jekk ma tużahx il-kamp, ċempilli u nixtrih mingħandek, tajjeb? Tini n-numru tiegħek."

U tajtu n-numru tiegħi. B'hekk spiċċajt b'kamp għal tnejn u numru tat-telefown ta' raġel ma nafux. Raġel mejjet biex imur kamping.

***

Ma nistox nifhim. Għalex jiġew il-Ħamejs jikkampjow hown down it-tnej'? Lanqas li huma xi tinagers. Jafu li hown ma tistox? Misturejn kiekew u ma jidhrewx mit-trejq imma xurta jtuni f'għojni. Lanqas il-kleb ma nista' nħallijim jiġrew bil-kwet. Jekk ixommuwom u jmurru għalihim jen neħil, għax mhux imlaqqmejn. Ħaqq għaż-żikk ara naqa wkill. Niġi hown bex inkun naqa għal kwet u naqbad xi summiene, u nsejb in-namroti. U dawn ma jmurrux xogħol nhar ta' Ħamejs?

***

Fl-isem tal-Misser u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen. Sinjur, ġejt inkellmek ftit. Għinni ngħin lill-proxxmu tiegħi, l-aktar lil dawk li jiġu jqerru għandi u l-aktar lil dik il-mara li bdiet tiġi tqerr nhar ta' Ġimgħa filgħodu. Daqqa ssib lili u daqqa ssib lil xi ħadd minn sħabi l-patrijiet. Ma nafx ħawdithomx lil sħabi wkoll. Ħeqq, taf int Sinjur li ma nistax niddiskutiha magħhom. Imma tibda ssemmi kampijiet u żwieġ u l-intenzjoni li ssewwi ż-żwieġ imma fl-istess ħin qed tiltaqa' ma' dar-raġel ieħor ġo kamp. Ġo kamp Sinjur! Għalxejn ngħidilha biex tibqa' 'l bogħod mit-tentazzjoni, biex tieqaf! Għedtilha jekk trid hobby, għax ma taqbadx il-ganutell? U meta darba għedtilha li mhux ser nagħtiha assoluzzjoni, qaltli li ser tmur tqerr għand ħaddieħor, hekk qaltli!

***

Nikkampja u naqlibhielu nhar ta' Ħamis. Għax skoprejt illi l-patrijiet ta' ħdejn ix-xogħol ikunu disponibbi għall-qrar nhar ta' Ġimgħa filgħodu. Daqqa wieħed

u daqqa l-ieħor. Patrijiet xwejħa li għall-bidu ddejjaqt nirrakkontalhom imma mbagħad qisni drajt u ma bqajtx niddejjaq. Iwiddbuni u jċanfruni u jgħiduli: "binti qis li ma terġax!" Imma kif ser nispjega li l-Ħamis hu l-jum taż-żgħożija l-mitlufa, tal-eċitament, tal-antiċipazzjoni, tat-texts ta' nhar ta' Erbgħa li jibdew deħlin waqt l-ikla ta' filgħaxija mingħajr ħadd ma jinduna ħlief jien ...?

Dan l-aħħar però qed ninduna li dawn it-texts ta' nhar t'Erbgħa qed idumu ma jidħlu u jkunu berdin aktar minn belgħa te minsija ġo magg. Xi kultant anke ma jidħlu xejn jew b'xi skuża biex il-Ħamis ma nikkampjawx. "Għada aħjar le, għandi biċċa xogħol, jew qadja" qed jibgħatli. Allura hekk sew? Mela l-patri jaħseb li kkonvertejt, ir-raġel qed jaħseb li qiegħda d-dar imma jien naħseb li l-ieħor għandu oħra. Dak li suppost hu "l-ieħor", għandu oħra li ħaditli posti! Ma naħsibx li l-mara reġa' bdielha jew għax niggżitu l-kuxjenza.

Daqshekk. Ngħidlu li daqshekk. Dan mhux lant. Ara jien ukoll. Minflok nieħu bażż qed nispiċċa ngħir għal dak li suppost qed ikolli avventura miegħu. U forsi nagħtihielu s-sorpriża wara kollox lil Johnny. Hekk jew b'hekk għandu l-birthday dalwaqt u l-kamp ma jkunx hemm għalxejn. U ma tafx kif, joħroġ xi ħaġa ta' ġid ...

***

"Isse! Ora isse anke s-Sebt filgħudu qegħdejn hown down! L-istess kamp u killix. Ora naqa wkill. It-tinid għall-pulitikanti s-sultu nafum jen mela għan-namroti. Ħa mmur inkellimim...

***

Qegħdin fil-kamp, irqadna hawn, irnexxielna fl-aħħar. Idea tajba kienet, s'issa ma ġġilidniex, qed nitkellmu bil-mod. Ħadna gost intellgħu t-tinda ... u nqabbdu l-ħuġġieġa u nsaħħnu l-ikel ... u l-mixja u ...

***

"Ojj. Ojj ma tistgħux tikkampjaw hown! Hawn propjità privota! L-aħħar darbe li ġejtu hown! Is-sultu nufs ta' nhor tagħmlew biss mhix il-lejl killu!"

***

Xiż-żikk. Dan min iż-żikk hu dalgħodu? Se jfottilna kollox. U x'qed jgħid? Johnny u jien ħriġna niġru nitħabblu ġol-ħbula nħarsu ċċassati lejn kaċċatur xiħ ixejjer idejh u jgħajjat.

***

"Hemm is-sinjol ora. Sinjura possibbli qatt ma rojtu s-sinjol? Ilik tiġi hown, imissik qrajtew. Ħa nfittixkim bil-puluzija! Ora anke l-kleb qed jagħrfukim!"

***

Meta nitftakar f'dik l-għodwa niftakar biss l-għajnejn, denja ta' Spaghetti Western. Għajnejn Johnny iħarsu lejja ċċassati, ma jafx jekk iħebbx għalija jew għax-xiħ jew għat-tnejn. Jien inħares lejn ix-xiħ bil-ħniena biex jiskot u x-xiħ iħares lejna t-tnejn jitbaqbaq u jixher. Wara għaxar minuti ta' nnegar u ħars intens biex nitolbu jiskot u jieqaf u jifhem, ix-xwejjaħ waqaf jhedded. Donnu fehem, jew kien żvoga r-rabja u fehem li kien hemm aktar minn "propjità privota" fin-nofs. Il-klieb kienu waqfu jinbħu u tilfu l-interess totalment fit-taħwid tal-umani. U l-kamp ta'bi tnejn baqa' l-kamp matrimonjali ... għal tnejn.

***

Kif killi nibla' killix. La keċċejtim, la ġibt pulizija, u wisq inqos wissejt lil dak ir-ruġul li martu kienet qed tiġi hown ma' xi ħeddieħor qabil. X'tomel. Gidba għal bżunn hix. Ikulli naħsib, kint nogħmel ħsora bil-busta kikew tkellemt. Jen kint miżżewwig ikill, il-Bambejn itiha l-Genne lil Rużina tiegħi. Imma jmurru jikkampjow xi mken ijħor. Jalla jirranġow u jibqgħew jikkampjow. Ma tufx kejf, juħruġ xi ħoġa ta' ġejd..."